# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 30 ta' Settembru 2015**

**Rikors Numru: 380/2013 CSH**

**Anthony u Theresa konjugi Sant**

**vs**

**Lucia Chapelle**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Dicembru 2013 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta prevja kull dikjarazzjoni necessarja skond il-Ligi, bhala eredi universali tal-mejjet Bartolomeo Bezzina li jigi hu l-kontendenti Lucia Chapelle u Theresa Sant, u li miet fis-26 ta' Jannar 2013, thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, in linea ta' kumpens ghall-prestazzjoni ta' servigi rezi mir-rikorrenti lil u a favor ta' l-imsemmi decuius matul hajtu, liema kumpens baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-intimata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 5 ta' Settembru, 2013, u interessi legali kontra l-intimata li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tat-talba ma jeccedix is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€11,645).

Rat ir-risposta ta' Lucia Chapelle kif prezentata fl-atti nhar it-23 ta' Dicembru 2013 fejn eccepiet is-segwenti:

1. "*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal dak li hawn taht sottomess, l-esponenti jecepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili peress li huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li talba ghal hlas ta' servigi tiddekadi bi trapass ta' hames snin.*
2. *Illi Bartolomeo Bezzina miet fis-26 ta' Jannar 2013.*
3. *Illi ma hemm ebda hlasijiet ta' servigi dovuti mill-intimata lir-rikorrenti.*
4. *Illi Bartolomeo Bezzina kien taht il-kura u assistenza fir-residenza San Vincenz minn cirka Marzu 2010 u qabel kien l-Isptar Karen Grech.*
5. *Ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandhom jiehdu ebda kumpens ghall-prestazzjoni ta' servigi.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti bil-partijiet kollha ngunti ghas-subizzjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*"

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta tlett affidavits, dak tieghu dak ta' Joseph Bezzina u ta' Theresa Sant.

**Joseph Bezzina** spjega illi jigi hu Theresa Sant u Lucia Chapelle u ghalhekk ukoll hu Bertu Bezzina li miet fis-26 ta Jannar 2013. Qal li ahwa kienu tlettax b'kollox. Jghid li kien jaf li ohtu Theresa kienet tiehu hsieb lil huh Bertu li kien guvni u li kien jghix wahdu. Jghid li Bertu kien il-kbir fost l-ahwa u wara li mietet ommu fis-sena 1995, Theresa bdiet tiehu hsieb li ssajjar ghal Bertu u tixtrilu l-ikel kif ukoll tahsillu l-hwejjeg, u jaf ukoll li Bertu kien ifittex lilha

f'kull ma kellu bznn. Bertu kien joqghod fir-razzett ta' ommu u missieru gewwa l-Gharghur u kien jahdem ir-raba taghhom, li llum giet propjeta' taghhom l-ahwa lkoll wara li mietu l-genituri taghhom. Ir-razzett u r-raba jigu faccata tad-dar fejn tghix ohtu Theresa. Jghid illi l-ahwa kollha kienu ighinu lil Bertu ghaliex kien qisu missierhom, izda Theresa kienet l-iktar wahda li kienet tghinu bhal ma gja spjega.

Mis-sena 1995 'l quddiem kien jamminsitra l-flus li kellu Bertu u li kien izomm ir-razzett. Bertu kien jafdah u l-flus kien tahomlu biex johodlu hsiebhom anke ghaliex hu kien ighix wahdu fir-razzett. Kien ihallaslu l-ispejjez u kontijiet li kienu jigu u jaf li meta Theresa kienet tixrilu xi hwejjeg Bertu kien jghidlu sabiex ihallasha ta' dak li tkun nefqet u huwa kien jaghmel hekk. Fis-sena 2009 ghal habta ta' Gunju meta Bertu kien dahal l-Isptar hu kien qallu biex jibda ihallas lil Theresa is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li Theresa kienet taghmillu bhal per ezempju tisjir kif ukoll il-hlas tal-gwiez ta' l-annimali li Theresa kienet tixtrilu wara li dahal l-isptar. Qabel Gunju 2009 ighid li apparti li kien ihallas lil Theresa tal-hwejjeg li kienet tixri lil Bertu ma kien ihallasha ta' xejn aktar lanqas tax-xoghol li kienet taghmel ghal Bertu. Bertu qatt ma kien qallu biex ihallas lil Theresa qabel is-sena 2009 hlief kif spjega ghax-xiri tal-hwejjeg.

Ghall-habta tas-sena 2010 meta Bertu dahal l-isptar St Vincent de Paule hu kellu bzonn prokura minhabba l-bank u ghamlu prokura bin Nutar John Spiteri biex hija tkun jista' issarraflu ic-cekk tal-pensjoni. Il-flus kien izommhom hu biex ihallas l-ispejjez kif gja spjega. Bertu kellu kont il-bank u jaf li kellu flus fil-kont tieghu. Il-flus li Bertu kien izomm ir-razzett kienu ntefqu ghaliex kien hemm hafna spejjez u kollox telaq, anke ghaliex huma qatt ma hallewh nieqes minn xejn meta kien l-isptar. Waqt li Bertu kien l-isptar l-ahwa kollha kienu jaghmlu l-parti taghhom biex jghinuh, u kulhadd kien imur jarah ghax l-ahwa kollha kellhom il-gurnata taghhom. Jaf li Theressa kienet issajjarlu ta' kuljum meta kien l-isptar kemm meta kien Karen Grech kif ukoll meta kien St Vincent de Paule u

dan sakemm izzewgitilha it-tifla ghall-habta ta' Ottubru 2010. Wara Theresa ma baqghetx titla kuljum l-isptar ghand Bertu.

Huwa baqa' ihallas lil Theresa is-somma ta' €150 fix-xahar sas-sena 2010 biex ikun precis sax-xahar ta' Ottubru meta Theresa ma baqghetx tmur l-isptar kuljum ghand Bertu. F'dan iz-zmien beda ihallas din l-istess somma lil Lucia Chapelle ghaliex bdiet tmur hi l-isptar kuljum minflok Theresa u baqa' ihallasha sakemm miet Bertu. Dan kollu kien ghamlu fuq struzzjonijiet ta' Bertu stess u bi qbil bejn l-ahwa kollha.

Jaf li Bertu hallas lil Lucia Chapelle bhal l-uniku eredi tieghu fit-testment li kien ghamel u li ma kien halla xejn lil Theresa ta' dak kollu li kienet ghamlet ghalih tul dawk is-snin kollha.

**Joseph Bezzina** in kontro-ezami nhar is-17 ta' Gunju 2015 ikkonferma li kien jiehu hsieb il-finanzi ta' Bartholomeo Bezzina, huh. Qal li ma fetahx kawza kontra l-konvenuti izda gie msejjah bhala xhud illum. Naturalment lil huh ma hallewhx nieqes minn flusu. Qal illi huwa kien jaghti mija u hamsin ewro (€150), l-ewwel lil Tessie Sant u sussegwentement lil Lucia Chapelle biex jiehdu hsieb lil huh. Ikkonferma li huwa kien rikoverat l-isptar San Vincenz. Filfatt kien jghidlu biex itihom xi haga u bil-kuntentizza tieghu kien itihom dan l-ammont. Spjega illi meta huh kellu l-annimali fir-razzett kien itihom flus ghal gwiez. Jekk hutu kienu jixtru xi haga extra lil huh kien ihallashom, il-mija u hamsin ewro (€150) kienu johduhom biss biex imorru jarawh. Ghalkemm kulhadd kien imur jarah. Lucia hadithom l-ahhar sitt xhur il-mija u hamsin ewro (€150), qabel kienet tohodhom Tessie Sant. Tessie baqghat tohodhom sakemm izzewgitilha t-tifla. Tessie mill-ewwel bdiet tohodhom il-mija u hamsin ewro (€150).

**Anthony Sant** stqarr fl-affidavit tieghu pprezentat fil-5 ta' Marzu 2014 ddikjara li huwa jigi ir-ragel ta' Theresa xebba Bezzina u qal li martu kienet tiehu hsieb lil

huha Bertu Bezzina li kien ighix faccata taghhom il-Gharghur ghal hafna snin. Qal li jaf x'hemm miktub fl-affidavit tal-mara tieghu u jikkonfermhom kollha. Tenna li l-fatti jafhom personalment.

**Anthony Sant** in kontro-ezami nhar is-17 ta' Gunju 2015 qal li kien jahdem fl-Armata meta kien suldat. Illum huwa pensjonant. Ilu xi hames snin li spicca mis-servizz u ghamel zmien meta kien stazzjonat Kemmuna. Ghamel sentejn Kemmuna. Mistoqsi jekk effettivament ghamilx xi xoghol lil Bertu qal li iva ndipendentement mill-mara ghaliex filfatt kienet tghinu fir-raba. Filfatt kellu hamest ibnadi raba. Kellu prodott qamh, patata u basal. Il-flus tal-bhejjem kien hemm xi disa' mija (€900) u dawn jinsabu ghand Pacikk, hu l-konvenuta. Filfatt jaf illi Bertu kien qal lil Pacikk qabel ma miet sabiex il-flus izommhom sabiex jaghmillu s-saqaf li kien waqalu u filfatt kien qallu wkoll biex ibiegh il-bhejjem u hekk ghamel, biegh il-bhejjem, zamm il-flus u s-saqaf m'ghamlux. Tenna illi ghamillu xi ftit puntali imma s-saqaf m'ghamlux.

**Theresa Sant** fl-affidavit taghha spjegat illi tigi oht Bertu Bezzina li miet fis-26 ta' Jannar 2013 fl-eta ta' sebghin sena. Tghid li huma tlettax-il ahwa b'kollox u Bertu kien il-kbir. Bertu kien guvni u kien joqghod f'razzett faccata tad-dar taghha gewwa l-Gharghur u kien ighix hemmhekk wahdu ghal dawn l-ahhar tletin sena. Bertu kien jahdem fir-raba u jiehu hsieb il-bhejjem u ma kellu l-ebda delizzji. Ir-razzett u r-raba huma wirt ta' ommha u missierha u ghalhekk kemm Bertu kif ukoll hija u hutha l-ohra ghandhom sehem minnhom.

Sakemm baqghet hajja ommha Karmena Bezzina li mietet fis-sena 1995 Bertu kien imur ghandha kuljum il-Gharghur stess biex jiekol. Anke f'dak iz-zmien meta ommha kienet ghadha hajja hija kienet diga' tiehu hsieb il-hasil tal-hwejjeg ta' Bertu u kienet izommlu l-post (cioe' r-razzett fejn kien jghix) nadif, billi kienet tmur ghandu kwazi kuljum biex tnaddafulu. Ta' dan Bertu qatt ma taha xejn.

Wara li mietet ommha fis-sena 1995, hija kompliet taghmel ghal Bertu dak li kienet taghmel ghalih qabel, imma issa bdiet ukoll tixtrilu u ssajjarlu. Tghid li Bertu kien imur ghandha biex jiekol, u l-istess Bertu ma kienx ihallasha u lanqas ma kien jixtri xi haga ghalih innifsu. L-ikel dejjem ipprovdietlu u dan kuljum bejn is-sena 1995 u s-sena 2010 u wara Ottubru 2010, xi darbtejn fil-gimgha sakemm miet fis-sena 2013. Wara li mietet ommha Bertu dejjem kien imur ghandha d-dar ukoll ghall-festi tal-Milied u tal-Ghid u l-festa ta' San Bert. Meta kien l-isptar minhabba li kien bil-wheelchair kienu jmorru ghalih bil-vann li kienet tikrilu ohtha biex twasslu s'ghandha. Ta' dan kien ihallas Joey bil-flus ta' BEretu.

Xi erba' snin qabel ma miet Bertu marad u ma setax jimxi u ghalhekk haduh l-isptar Karen Grech u wara mar l-isptar St Vincent de Paule fejn eventwalment miet. Bertu dahal l-isptar Karen Grech fis-sena 2009 fejn ghamel hames xhur u nofs u wara mar St Vincent de Paule.

Waqt li kien l-isptar hija xorta baqghet tmur kuljum u baqghet tohodlu l-ikel ikoll ghax ma kienx ihobb jiekol mill-isptar. Kienet tmur ghandu kuljum sew meta kien Karen Grech kif ukoll meta kien St Vincent de Paule u dejjem marret b'tal linja ghaliex ma ssuqx u r-ragel taghha ma jsuqx lanqas. Biex taqbad tal-linja kien ikollha timxi hafna u biex tmur St Vincent de Paule kien ikollha taqbad zewg buses. Gieli kienet tasal id-dar fid-dlam u lanqas tkun ghada sajret ghar-ragel. Matul dan iz-zmien lil Bertu kienet tohodlu anke l-hwejjeg ghall-hasil. Li kien jitlobha Bertu kient taghel ghalih. Tghid ukoll li b'danakollu u ta' dan kollu hija qatt ma thalset sold.

Min nofs is-sena 2009 cirka Gunju sa Settembru jew Ottubru tas-sena 2010 huha Joey beda ihallasha fuq struzzjonijiet ta' Bertu stess is-somma ta' mija u hamsin ewro fix-xahar. Meta Lucia bdiet isajjarlu bdiet tiehu l-istess somma hi sakemm miet Bertu. Minn din is-somma ta' mija u hamsin ewro fix-xahar kienet tixtri l-gwiez biex titma l-bhejjem li kellu Bertu, il-fniek naghag u tigieg. In-naghag kien

izommu ghall-halib kellu xi tlettax-il naghga. Kienet tonfoq circa ghoxrin ewro fil-gimgha gieli inqas u gieli iktar.

Spjegat illi fis-sena 2010 fix-xhur ta' Settembru u Ottubru ma setghetx tmur l-isptar ghaliex kellha tipprepara ghat-tieg ta' bintha li zzewget f' Ottubru 2010. Meta kelmet lil Bertu dwar dan huwa qabbad lil ohtha Lucia Chapelle biex tippreparalu l-ikel u beda ihallasha. Fil-fatt Bertu kien qabbad lil huha Joey Bezzina li kien l-amministratur tieghu biex ihallas lil Lucia is-somma ta' mija u hamsin ewro fix-xahar ta' dan. Hija kienet kelmet lil Lucia ukoll biex tmur hi flokha ghandu Bertu u hi accettat mill-ewwel. Tghid pero' li Lucia ma kinitx tmur kuljum tara lil Bertu kif kienet tghamel hi. Lucia toqghod il-Hamrun. Kien Joey Bezzina, huha, li kien jiehu hsieb il-flus ta' Bertu, li kien qalilha li Bertu ried ihallas lil Lucia. Fl-ahhar xahar qabel miet Bertu kien fi stat hazin u kellu problemi f'saqajh u fis-sinsla ta' dahru.

Qabel Bertu kien mar l-isptar kienet takkompanjah xi tlett darbiet fil-gimgha biex jiehu *injections* fil-pala ta' saqajgh u dan kemm gewwa il-clinic tal-Mosta kif ukoll gewwa St Anne's clinic B'Kara. Hija u Bertu kienu jmorru b'tal-linja u dan gara fuq meddda ta' xi xaghrejn. Minn dak iz-zmien 'l hemm Bertu beda imur lura u kien b'hekk li mbaghad spicca l-isptar.

Qalet ukoll li r-ragel taghha Anthony kien jghin lil Bertu fir-raba ta' sikwit u kien ighinu jaqta' l-haxix u jaqla l-patata – gieli kien jidhol ukoll inaddaflu r-razzett ghax kellu il-bhejjem. Ir-ragel taghha jahdem fil-gebel u tibjid u peress li kien jahdem bix-shift ghaliex kien suldat kien ikollu hafna cans imidd idej biex ighin lil Bertu fir-raba. Ir-ragel ilu xi erba snin biss li spicca mix-xoghol. Kien ikahhalu fejn ikun hemm bzonn u taf li Bertu qatt ma hallsu lanqas tal-materjal li kien jixtrilu. Bertu kien jitlob lir-ragel taghha jghinu fir-raba u fir-razzett u dan baqa' jaghmlu sakemm Bertu dahal l-isptar.

Meta Bertu kien ikun ma jiflahx ir-ragel taghha kien imur jorqod ghandu fir-razzett u tiftakar li darba minnhom Bertu kellu Bronkite u lanqas ried li tohodlu t-tabib. Kien ghalhekk li huma riedu jiehdu hsiebu ghaliex ma kienx jiehu hsieb lilu innifsu. Kienet tixtrilu ukoll x'jilbes, anke l-underwear u meta kienet tara li l-hwejjeg tieghu kienu waslu l-ahhar (ghax kienet hi li tahsilhomlu) kienet tghidlu sabiex tixtrilu l-godda. Ghalkemm tghid li tal-hwejjeg li kienet tixtrilu kien ihallasha. Gieli kienet titlobhomlu minn qabel ghaliex ma kinitx tasal biex tiehu l-flus minghand zewgha biex tixtri l-hwejjeg ghal huha.

Tghid li Bertu kien ibiegh il-haxix il-pitkalija u jrabbi l-bhejjem u jaghmel ukoll il-gbejniet u kien idahhal flus minn hemmhekk. Tghid li r-raba u r-razzett fejn kien joqghod Bertu kienu ta' ommhom u missierhom izda wara li mietu dawn inqasmu bejn l-ahwa kollha u Bertu kellu s-sehem tieghu izda kien baqa' dejjem jiehu hsieb ir-raba hu u baqa' ighix fir-razzett.

Bertu qatt ma qallha li ma kienx ser ihallasha ghalkemm hija qatt ma talbitu ghal hlas, dejjem kellha go mohha li xi darba jikkumpensaha ghaliex kienet taghmel hafna mieghu u dan ghal hafna zmien ukoll. B'danakollu meta miet u fethu t-testment saret taf illi huwa halla lill Lucia bhala eredi ta' kollox u ma kienx hemm kumpens ghaliha. Kif qalet hija ghamlet hafna snin tipprepara ikel lil huha u tiehu hsieb il-hasil tal-hwejjeg hlief ghal dawk ix-xaghrejn li semmiet aktar 'l fuq. Dan kienet taghmlu wahdeha bl-ghajnuna ta' zewgha u dan jafuh hutha kollha. Tikkonkludi u tghid li Bertu dejjem sab lilha u lil zewgha ghal dak li kellu bzonn.

**Tessie Sant** in kontro-ezami fis-17 ta' Gunju 2015 iddikjarat li fil-gurnata tal-mewt ta' huha tghid li kienu disa' ahwa hajjin. Hutha l-ohrajn ma fethux kawza kontra Lucia Chapelle. Hija biss fethet. Huwa minnu illi huwa Joseph Bezzina kien jiehu hsieb il-flus. Tghid illi huha filfatt kien itiha mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar biex jiehu hsieb lil Bertu u meta huha Bertu jkollu bzonn xi tibdila jew hekk kien tixtrihielu hija stess u jtiha l-flus. San Vincenz m'hemmx

visiting hours, tista' tmur minn filghodu u tibqa' hemm sat-tmienja ta' fil-ghaxija. Ix-xhud tahdem bhala mara tad-dar. Mistoqsija x'sar minnhom in-naghag, il-bhejjem u l-affarijiet simili ta' huha meta miet, waqt li huwa kien l-isptar kien hemm wiehed ragel li kien jiehu hsiebhom dawn il-bhejjem imbaghad taf illi l-bhejjem kienu gew mibjuha minn huha waqt li kien ghadu haj. Huwa minnu li huma jghixu faccata ta' din l-ghalqa. Meta kien ikollu l-prodott huwa kien itiha minnu. M'huwiex minnu dak li qed jigi allegat illi effettivament kienet hi li sarfet l-ahhar cekk tal-pensjoni u zammet il-flus. Hija cekkijiet qatt ma hadet.

**Romwald Attard** xehed fil-21 ta' Mejju 2014 ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fejn iddikjara li minn ricerka li ghamel fuq kontijiet intestati f'isem Bartholomeo Bezzina irrizulta li hemm kont wiehed maghhom li huwa ta' natura Savings, f'ismu biss u dan il-kont gie miftuh fis-27 ta' Gunju 2006. Dan il-kont ghadu miftuh sallum. Huwa esebixxa statement datat 1 ta' Jannar 2013 sallum. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument BOV. Mistoqsi jekk kienx hemm xi prokura jew xi persuna ohra li setghet tigbed il-flus minn dan il-kont wiegeb li mir-ricerka li ghamel ma rrizulta xejn minn dan.

**Audrey Ghigo** xehdet fil-21 ta' Mejju 2014 fejn iddikjarat li qed tixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-HSBC. Hija kienet giet mitluba sabiex tara jekk hemmx xi kontijiet intestati f'isem Bartholomeo Bezzina. Mir-ricerka li ghamlet li tkopri l-perjodu ta' bejn is-sena 2001 sat-13 ta' Mejju 2014, irrizultalha li kien hemm *savings account* wiehed li jgib in-numru 061 087 581 050. Dan il-kont infetah fil-15 ta' Lulju 1993 u nghalaq fit-3 ta' Gunju 2013. Dan il-kont kien intestat f'isem Bartholomeo Bezzina wahdu. Hija esebiet rendikont li gie mmarkat mill-qorti bhala Dokument HSBC. Kif irrizulta minn dan il-kont il-flus in kwistjoni ngibdu. Mistoqsi min gibed il-flus, wiegbet li hawnhekk fuqha ma ghandhiex. Ix-xhud spjegat li kien hemm ukoll Term Deposit Account f'isem l-istess persuna li jgib in-numru 061 087 581 100. Dan il-kont infetah fis-17 ta' Gunju 1998 u nghalaq fit-3 ta' Gunju 2013. Hija esebiet dan id-dokument li gie

mmarkat mill-Qorti bhala Dokument HSBC1. Hija spjegat li dawn il-flejjes ingibdu wkoll, pero' hija mhix f'posizzjoni li tghid min hi l-persuna li gibdithom u ghalhekk ippromettiet li taghmel dan fis-seduta sussegwenti.

**Audrey Ghigo** regghet xehdet fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjarat li hija qed tixhed hawnhekk ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' HSBC. Hija kienet giet mitluba sabiex tinforma l-Qorti min kien gibed il-flus li kienu ddepozitati fil-kontijiet ta' Bartholomeo Bezzina u dana fid-data tal-gheluq tal-kontijiet relattivi. Meta gew maghluqa l-kontijiet ta' Bartholomeo Bezzina l-flejjes li kien hemm depozitati gew trasferiti f'kont li jghajjat lil Lucia Chapelle.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **Lucia Chappel** li gie pprezentat fil-11 ta' Frar, 2015 fejn iddikjarat li hija tigi oht Bertu Bezzina. Hija ma taqbilx ma' dak li qalet Theresa Sant fl-affidavit taghha fejn qalet li hi kienet tahsel il-hwejjeg ta' Bertu u ssajjar u partikolarment meta qalet li ghamlet dan bejn is-sena 1995 sa Ottubru, 2010.

Il-konvenuta spjegat li minn meta zzewget fis-sena 1984 kull nhar ta' Hadd u kull nhar ta' Erbgha kienet tmur id-dar ta' ommha. Bertu Bezzina kien jghix ir-razzett u fil-hinijiet tal-ikel kien jitla' d-dar ta' ommha.

Hija stqarret li d-dar fejn trabbew baqghet tghix go fiha ohtha Antonia Bezzina li baqghat xebba. Spjegat li wara li mietet ommha fis-sena 1995 hija kienet kompliet titla' kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hadd. Huma kienu jkunu l-konvenuta, Antonia, kien jigi jiekol Bertu u wara li jiekol jerga' jmur ir-razzett. Hija stqarret illi rari kienet tara lil Theresa f'dawn il-granet specjalment nhar ta' Hadd u sa fejn taf hi kienet tinzel hemm biss nhar ta' Tlieta. Sa fejn taf hi kienet tahsel xi hwejjeg ghal ommha meta kienet hajja. Il-konvenuta ma taqbilx li fil-Milied u fil-festi Bertu kien ikun ghand Theresa. Huwa f'dawn il-granet kien jinzel filghaxija jiehu drink ghandhom tal-okkazjoni. Hija tafu dan ghax kienet tkellmu ta' spiss lil Bertu. Spjegat ukoll li Teresa kienet tiehu l-affarijiet tal-ikel

minn gol-ghalqa u Bertu ma' kien jghidilha xejn. Huwa stess kien jghidilha b'dan.

Il-konvenuta qalet ukoll li meta Bertu dahal Karen Grech, Theresa kienet tohodlu l-ikel u l-hwejjeg hi darbtejn fil-gimgha. Ta' dan Teresa hija kienet tithallas u sussegwentament kienet tithallas hi wkoll. Dan ghax meta Bertu mar San Vincenz, Theresa kienet qisha qatghet qalbha minhabba l-boghod u ghalhekk bdiet hi.

Hija spjegat li minn meta dahal Bertu San Vincenz, kull xahar Joseph Bezzina kien jaghtiha mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar sabiex tigi tiehu hsieb lil Bertu. Li kienet taghmel huwa li nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hadd kienet tohodlu l-ikel u kienet tiehu l-hwejjeg ta' gimgha sabiex tahsilhom. Spjegat li l-bqija tal-granet kien jiekol l-ikel ta' hemmhekk.

Fl-ahhar tlett xhur qabel ma miet, Joseph Bezzina kien spjega lill-konvenuta li Bertu ma kienx baqalu flus u li ma setghax jaghtiha aktar dawk il-flus. Pero' hija xorta baqghet taghmel l-istess. Sussegwentement kien irrizulta li kien fadal flus u ghalhekk ma tistax tifhem ghaliex kien qalilha hekk.

Spjegat ukoll li ohtha Theresa kienet tmur tara lil Bertu nhar ta' gimgha izda ma kienet tiehu xejn u ma taghmel xejn. Sa fejn taf hi huma kienu jmorru ghal habta tas-sebgha u ma tistax tifhem ghaliex kienu jmorru dak il-hin ghax is-soltu dak il-hin ikun diga' raqad. Infatti meta kienet tmur tara lil Bertu nhar ta' Hadd, kienet tghidlu li marru Thessie u Maria, ghax ikunu nfurmawha b'dan u hu kien iwegibha li ma jkunx induna li jkunu marru.

Il-konvenuta **Lucia Chapelle** xehdet in kontro-ezami nhar it-13 ta' Mejju 2015 fejn iddikjarat illi hija zzewget fis-sena 1984 u marret toqghod il-Hamrun u Teresa ohtha kienet toqghod faccata tar-razzett fejn joqghod hija. Ikkonfermat illi kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Hadd kienet tmur izzur l-ommha kemm meta

kienet hajja ommha kif ukoll meta kienet mietet. Qalet illi effettivament meta kienet tmur tara lill-ommha, huha kien ikun ir-razzett u kien jitla' jiekol id-dar. Huwa minnu illi ohtha kienet tipprepara xi ikel pero' mhux kuljum. Ohtha Antonia kienet tiehu hsieb lil huha Bertu fil-perjodu meta ma kinitx tiehdu hsiebu hi. Ghalhekk wara li mietet ommha, ohtha Antonia kienet tiehu hsieb lil huha Bertu kuljum salv l-Erbgha u l-Hadd. Pero' hi dawk il-granet ma kinitx tkun prezenti. Stqarret li huwa minnu illi ohtha Teresa kienet issajjarlu lil huha Bertu pero' mhux kuljum. Antonia filfatt hija ftit disabled u ghalhekk kienet tiehu hsieb lil huha Bertu mill-ftit li tista'. Ohtha Antonia ghandha xi fifty nine. Huwa minnu meta Bertu kien l-isptar Karin Grech, Teresa kienet tiehu hsiebu. Pero' meta spicca Saint Vincent De Paule peress li kien hemm il-boghod, Teresa ma baqghatx tiehu hsiebu. Qablet ukoll illi Teresa waqfet tiehu hsieb lil huha Bertu meta kienet ha tizzewwigilha t-tifla pero' anke fiz-zmien ta' wara ma baqghitx tiehu hsiebu u filfatt it-tifla ta' Teresa zzewget f'Ottubru 2010. Taf ukoll illi huha Joe Bezzina kien ihallas l-ohtha Teresa mija u hamsin ewro fix-xahar qabel ma beda jhallas lilha dan l-ammont meta Bertu kien l-isptar Karin Grech u filfatt huha ma tantx dam Karin Grech. Huwa minnu wkoll illi Joey kien jiehu hsieb il-flus ta' Bertu bhala l-amministratur tieghu u kien jafdah. Hija ma tafx x'qal huha Joe f'din il-kawza. Jekk huha Joe qal li effettivament ohtha Teresa kienet tiehu hsieb lil Bertu kuljum u mhux li effettivament Antonia kienet ukoll issajjarlu wiegbet li mhux veru.

**Joseph Portelli** xehed fil-11 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *nursing aid* mal-Gvern u jinsab St. Vincent De Paule. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lil Bartolomeo Bezzina wiegeb illi jafu peress li kien pazjent taghhom. Huwa spjega li huwa ilu jahdem St. Vincent De Paule ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u fil-fatt Bartolomeo Bezzina kien residenti f'din l-isptar ghal numru ta' snin. Ix-xhud tenna li Bartolomeo Bezzina ma kien jaghmel xejn wahdu. Tant hu hekk li anki biex inizzluh fuq *wheelchair* kellhom juzaw il-lifter. Fil-bidu jahseb li kienu jnizzluh b'idejhom imma aktar m'ghadda z-zmien aktar kellu bzonn l-assistenza. Filfatt kienu huma l-istaff li servew ta' assistenza lil din il-persuna. Gieli filfatt ra

lill-konvenuta prezenti ma' Bartolomeo Bezzina gewwa l-Isptar u gieli kien jara familjari ohra tieghu hemmhekk l-isptar.

**Chantelle Chapelle** xehdet fil-11 ta' Frar, 2015 fejn iddikjarat illi filfatt il-konvenuta hija ommha. Mistoqsija jekk tafx min hu Bartolomeo Bezzina qalet li tafu ghax filfatt kien iz-ziju taghha. Hija spjegat illi minn meta kienet tifla zghira kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hadd kienu jitilghu ghand in-nanna taghhom il-Gharghur. Ix-xhud spjegat illi n-nanna kellha tifla li baqghet xebba u Bartolomeo Bezzina li huwa binha kien ukoll baqa' guvni u apparti dawn it-tnejn in-nanna rabbiet guvni iehor. Filfatt ommha kienet titla' kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hadd, isajrulhom, jitimghuhom u joqghodu maghhom. Filfatt jaghmlu gurnata joqghodu maghhom. Hija liz-ziju taghha Bartolomeo Bezzina dejjem kienet tafu bhala ragel b'sahhtu u fil-passat taf li qatt ma kien gie bzonn hadd u kien indipendenti hafna. Filfatt kien jghix gewwa razzett. Pero' meta marad taf illi l-ewwel mar Mater Dei u sussegwentement mar Karin Grech u wara ghamel ukoll zmien St. Vincent De Paule. Hija ghandha disgha u ghoxrin sena. Mistoqsija min kien jiehu hsieb Bartolomeo Bezzina meta kien jghix go razzett wahdu qalet illi meta kienet ghadha hajja n-nanna u wara li mietet kienet iz-zija x-xebba li kienet tiehu hsiebu. Hija sostniet illi hija kienet taf kif inhi l-hajja taz-ziju taghha u taf li z-zija taghha xebba kienet tiehu hsiebu hi. Teresa Sant kienet titla' kull nhar ta' Tlieta ghand in-nanna taghha. In-nanna kienet toqghod ukoll il-Gharghur u Teresa Sant kienet tghix vicin tan-nanna. Mistoqsija jekk iz-ziju kienx jiekol meta kien St. Vincent De Paule wiegbet illi le kien jiekol. Nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hadd omm ix-xhud kienet tohodlu l-ikel u kien jiekol hemm taghha pero' l-granet l-ohrajn taf li kien jiekol ta' St. Vincent De Paule. Mistoqsija jekk Teresa Sant kienetx tohodlu ikel wiegbet illi le ma kinitx tohodlu ikel.

**Chantelle Chapel** xehdet in kontro-ezami nhar it-13 ta' Mejju 2015 fejn meta giet mistoqsija jekk jiena kinitx titla' ma' ommha biex izzur il-genituri taghha kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Hadd, wiegbet illi l-Hadd kienet tmur dejjem pero' nhar ta' Erbgha mhux dejjem ghaliex kien ikollha l-iskola. Filfatt ommha

nhar ta' Erbgha kienet titla' minn filghodu u meta konet tmur tiltaqa' maghha nhar ta' Erbgha ghand in-nanniet wara l-iskola kienet tmur ghaliha ommha. Gieli kienu jibqghu d-dar u gieli kienu jergghu imorru ghand in-nanniet. Bhala regola hi nhar ta' Hadd kienet tmur ghand in-nanniet pero' fis-sajf kienet tkun dejjem ma' ommha. Meta kienet tkun ghand in-nanna nhar ta' Hadd kien ikun hemm in-nanna. Wara li mietet in-nanna taf li kien ikun hemm iz-zija xebba u omm x-xhud u qalet illi ghal bidu z-zija Teresa kienet tmur tahsel xi hwejjeg fid-dar tan-nanniet u kienet tahsel l-hwejjeg taz-ziju Bertu kif ukoll ta' Antonia. Hija l-Erbgha kienet tarha taghmel dan ix-xoghol. Taf li nhar ta' Hadd z-zija Tessie kien ikollha n-nies mistiednin ghall-ikel.

Wara li mietet in-nanna taf li dan kollu kien ghal perjodu ta' zmien qasir u cioe' li z-zija Tessie kienet tmur tahsel il-hwejjeg. Effettivament wara kienu jirrangaw bejniethom z-ziju, iz-zija u kien hemm iehor guvni. Dak iz-zmien kienet tmur u tara b'ghajnejha x'kien qed jigri. Meta kienet hajja n-nanna, ommha kienet titla' ghand in-nanna, iz-zija kienet titla' u ommha kienet tahsel u ssajjar. Dan il-perjodu ilu li sehh ghoxrin sena. Illum x-xhud ha taghlaq tletin sena. Qalet li wara li mietet in-nanna kien hemm perjodu zghir li baqgghu jmorru ghand in-nanna pero' mbaghad kulhadd waqaf minn hemm. Gieli marret fir-razzett u gieli kienet id-dar taz-zija Tessie. Iz-ziju taghha Bertu ma kellu bzonn xejn. Gieli kienet tkun hemmhekk meta ommha ma kinitx tkun prezenti.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2015.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu sabiex jigu kkumpensati ghas-servigi li huma irrendew lil huhom Bartolomeo Bezzina li miet nhar is-26 ta' Jannar 2013. L-atturi qed jippretendu hlas sa mis-sena 1995 u cioe' minn meta bdew jaghtu tali servizz. Il-konvenuti minn naha l-ohra jichdu li ghandhom jigu kkundannati

ihalsu lill-atturi kumpens ghas-servigi u dan ghaliex fl-ewwel lok eccepew li l-azzjoni hija preskritta skond l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 1**6 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok ghaliex qabel ma miet, Bartolomeo Bezzina kien residenti l-ewwel fi sptar Karen Grech u wara minn Marzu 2010 'l quddiem kien residenti fl-isptar San Vincenz de Paule u ghalhekk jekk Bartolomeo Bezzina inghata xi ghajnuna dan kien *de minimis* u gja gew ikkumpensati ghalih bil-hlas li rcevew waqt hajtu. Illi ghalhekk qabel ma jigi deciz jekk l-atturi humiex verament intitolati ghal kumpens rapprezentanti is-servigi li setghu pprestaw lil huhom, il-Qorti trid tara jekk l-azzjoni odjerna hix preskritta.

Mhux indubitat li bhala fatt Bartolomeo Bezzina miet fis-26 ta' Jannar 2013 u dan waqt li kien rikoverat St. Vincent De Paule. Mhux kontradett lanqas il-fatt li Bartolomeo Bezzina dahal l-isptar San Vincenz f'Marzu 2010 u qabel kien ghamel xi zmien rikoverat Karen Grech Hospital. Il-kawza odjerna giet ipprezentata fid-9 ta' Dicembru 2013 u qabel ma giet hekk intavolata ma jidhirx li kien hemm xi att gudizzjarju li gie prezentat mill-istess atturi fil-konfront tal-konvenuti odjerni. Jirrizulta wkoll minn dak li xehed Joseph Bezzina hu il-kontendenti u hu id-decujus li f'Gunju 2009 d-decujus kien beda jaghtis-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar lill-attrici biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li kienet tinkorri, ghat-tisjir u ghal xiri ta' gwiez tal-annimali ta' Bartolomeo Bezzina. Pero' qabel din id-data Joseph Bezzina spjega li Bertu ma kien ihallas xejn lill-attrici ghax-xoghol li ghamlet ma' Bertu.

L-avukat difensur ta' l-atturi targumenta li effettivament l-perijodu ta' preskrizzjoni huwa nterrott ai termini ta' l-**Artikolu 2133 u Artikolu 2134 tal-Kapitolu 16** stante li hemm rikonoxximent da parti tal-konvenuti tas-servigi li kienu jaghtu l-atturi . Dwar dan pero' l-avukat difensur tal-konvenuta ma jaqbilx u jghid li ma hemm l-ebda interruzzjoni.

**L-Art.2156(f) tal-Kap.16** jaqra hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin :*

*...*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku".*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi talba ghall-hlas ta` servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni tal-hames snin skond **l-Art.2156 (f) tal-Kapitolu 16.** Il-gurisprudenza in materja hija kostanti fis-sens illi tghid li hemm lok ghall-preskrizzjoni f`kazi ta` servigi jew prestazzjonijiet ohra, ghalkemm ikun hemm kontinwazzjoni taghhom (ara – Qorti tal-Appell – "**<u>Caruana vs Scicluna et</u>**" – 4 ta` Gunju 1948 – Vol.XXXIII.I.285).

Dwar il-kontinwita` tas-servigi u l-preskrizzjoni, din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**<u>Pace et ve Agius noe</u>**" (Vol.XXIX.II.515) qalet hekk –

*"L-azzjoni ghall-hlas ta` servigi u ghar-restituzzjoni ta` spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f`hames snin ; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B`dan li l- kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-perkors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri.*

*Ghaliex l-att ta` persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni taddebitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal*

*rikonoxximent ta` drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri".*

Kif gie ritenut ukoll fis-sentenza fl-ismiijiet '**Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla et**' deciza minn din il-Qorti (Imhallef J. Said Pullicino fil-21 ta' Frar 1994) inghad li "*Hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra avolja jkun hemm kontinwita' taghhom. Il-Qrati, anke f'kazijiet recenti, applikat il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm il-kontinwita' tas-servigi."*

In linea mas-sentenzi fuq imsemmija ghalhekk huwa minnu li l-perijodu ta' zmien li ghandu jitqies ai fini ta' kumpens fuq servigi li setgha nghata lil Bartolomeo Bezzina hu ta' hames snin u ghalhekk ergo ghall-perijodu bejn is-sena 2008 sas-sena 2013.

Meta konvenuti nvokaw l-preskrizzjoni estintiva, l-oneru tal-prova qieghed fuq l-atturi biex juru li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni.

Illi f'dan l-istadju jrid jigi ezaminat ukoll il-punt jekk l-attrici Theresa Sant kellhiex intenzjoni li tithallas meta rrendiet is-servigi lil huha. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, fil-passat f'kaz ta' servigi prestati bejn parenti, kien jigi ritenut li dawn gew prestati "*familiaritatis causa*" u l-prezunzjoni kienet li ma kienx hemm hsieb ta' kumpens.

Pero` fil-gurisprudenza aktar recenti, anke fir-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li s-servigi jigu resi bi speranza ta' kumpens sakemm ma jezistux cirkostanzi li jiggustifikaw il-gratwita (Ara sentenza **Anthony Catania *pro et noe* vs Maria Agius** (Citaz 1381/1993) deciza mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta Dicembru 2003). Fil-kawza **Agius vs Galea** deciza fit-12 ta' Frar 1996 gie deciz li l-principju ta' gratwita ma ghandux jigi akkolt facilment. F'sentenza moghtija recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu 2010 fl-

ismijiet '**Maria Lourdes Brincat vs Guiseppe Brincat et'** (Citaz 448/87FS) gie dikjarat illi f'kaz ta' servigi ma hemmx prezunzjoni ta' gratwita. Il-Qorti iddikjarat li "*Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin biex iwaqqa' l-presunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas".*

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Borg vs Gaffiero et**" din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/PS**) ghamlet din l-osservazzjoni:

*"In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp; Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens." ("**Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe**", Appell Civili, 14 ta' Frar 1938 ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "**Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875;*

L-indirizz fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("**Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar

1974; "**Mary Grace Attard - vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989) (ara wkoll – "**Agius vs Calleja**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958 ; "**Zammit et vs Vella noe**" – Qorti tal-Appell 1 ta` Dicembru 1958 ; "**Delicata et vs Saliba pro et noe**" – Qorti tal-Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; "**Caruana pro et noe vs Abela**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; "**Axiaq vs Mifsud et**" – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952).

Huwa ben evidenti mill-assjem tal-provi li l-atturi ma pprestawx servigi lil Bartolomeo Bezzina bil-hsieb illi ma jithallsux izda ppretendew sa mill-bidu nett li s-servigi taghhom kellhom jithallsu u fil-fatt kienu jinghataw is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar kif ikkonferma Joseph Bezzina hu d-decujus li kien ighaddi din l-istess somma lill-atturi u dan b'effett minn Gunju 2009.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Bezzina li jigi hu l-attrici, hu l-konvenuta u hu l-mejjet Bertu Bezzina li l-attrici kienet tiehu hsieb lil Bertu Bezzina wara l-mewt ta' ommhom li mietet fis-sena 1995 ghalkemm jghid ukoll li l-ahwa kollha kienu jiehdu hsiebu, ghalkemm huhom Bertu kien ifittex l-aktar lill-attrici. Qal li huwa kien jiehu hsieb il-finanzi ta' Bertu u kull meta li l-attrici kienet tixtri xi haga lil Bertu huwa kien ihallasha skond ma kien jghidlu Bertu stess minn flus Bertu. Qal li pero' minn Gunju 2009 'l quddiem Bertu kien talbu sabiex jaghti mensilment is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) lill-attrici sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez tat-tisjir u ghax-xiri tal-gwiez ghall-animali lil kellu fir-razzett. Pero' jghid u dan b'mod kategoriku li qabel Gunju 2009, Bertu qatt ma kien qallu sabiex ihallas lill-attrici salv ghal hwejjeg u ikel li kienet tixtrilu. Dan ifisser li minn Gunju 2009 'l quddiem il-flus li kien ihallasha kienu kumpens u mhux skond l-ircevuti dwar hlasijiet li tkun ghamlet ghan-nom tieghu. Jghid li kemm dam l-isptar Bertu l-ahwa kollha (u kienu tlettax) kienu jghinuh u kulhadd kien imur jarah u kollha kellhom il-gurnata taghhom ghalkemm l-attrici kienet isajjarlu kuljum kemm meta kien l-isptar San Vincenz, kif ukoll meta kien l-isptar Karen Grech u huwa baqa' ihallasha s-somma ta' mija u hamsin ewro

(€150) kuljum sa Ottubru 2010 sakemm ma baqghetx tmur tarah kuljum u wara beda ihallas lill-konvenuta skond l-istruzzjonijiet li nghata minn Bertu stess.

L-attrici fl-affidavit taghha tghid li hija kienet issajjar u titma lil huha Bertu kuljum bejn is-sena 1995 u Ottubru 2010 u wara bejn is-sena 2010 u 2013 darbtejn fil-gimgha. Qalet li anke meta kien rikoverat l-isptar hija baqghet tiehu l-ikel lil huha. Tghid li qabel ma gie rikoverat l-isptar kienet tikri vann bil-flus ta' Bertu stess sabiex tohorgu ghaliex kien bil-*wheel chair,* kienet takkompanjah tlett darbiet fil-gimgha gewwa klinika il-Mosta u anke f'St Anne Clinic, B'Kara biex jiehu xi injections fil-pala ta' saqajh. Qalet li zewgha kien jahdem bis-shift u anke ghamel zmien Kemmuna jahdem u ghalhekk kien ikollha hafna hin biex toqghod hdejn huha. Tghid li kienet tiehu hsieb hi bi flus Bertu stess tixtrilu l-hwejjeg u l-underwear u tahsillu l-hwejjeg. Qalet li hija qatt ma talbet lil huha ghal hlas pero' dejjem kellha f'mohha li kienet ser tigi kkumpensata ghaliex kienet taghmel hafna mieghu. Il-konvenuta fl-affidavit taghha tghid li hija wkoll kienet tghin lil huha u fil-fatt tikkonferma ukoll li kienet tircievi l-istess somma ta' mija u hamsin ewro (€150) mensilment minghand huhom Joseph Bezzina ghan-nom tad-decujus ghas-servigi li kienet taghti. Tghid ukoll li meta kienet tithallas ghas-servigi kienet tigbor il-hwejjeg tal-gimgha ta' huha Bertu mill-isptar u kienet tahsilhomlu hi.

Illi ghalhekk jirrizulta li kien hemm perjodu meta l-attrici kienet tat servigi lil huha Bertu u ma rceviet l-ebda hlas u dan qed jinghad b'referenza ghall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2008 sa Gunju 2009. Ghaliex wara din id-data jidher li kienet tircievi bil-kuntentezza taghha u ta huha Bertu is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) mensilment. Il-konvenuta tghid li hi wkoll kellha tigi kkumpensata ghaliex fl-ahhar tlett snin qabel ma miet hija kienet l-iktar fost l-ahwa li kienet tiehu hsiebu pero' dwar dan jirrizulta minn ezami tat-testment esebit li fil-fatt hija wirtitu u ghalhekk altro che giet ikkumpensata ghal dak li ghamlet. Waqt li mill-atti ma jidhirx li l-attrici kienet eredi tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-attrici hija ntitolata ghall-kumpens dwar servigi limitatament ghall-perjodu bejn Jannar 2008 u Gunju 2009 u ghalhekk ghal perijodu ta' tmintax il-xahar (18).

Dwar il-kalkolu tal-kumpens relattiv ghall-perijodu in kwistjoni, il-gurisprudenza taghna tghid li l-linji gwida ghandhom ikunu dawn:

1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;
2) il-mezzi tal-persuna li bbenifika mill-prestazzjonijiet ;
3) il-parentela ta' l-atturi mad-decuius ;
4) L-isforzi agguntivi li taw is-servienti biex jaqdu lid-decuius;
5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe' jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;
6) jekk il-servienti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.
(ara "**Vassallo vs Aquilina**" – Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta' Gunju, 1982, **"Cutajar vs Vella"** – Prim Awla tal- Qorti Civili - 6 ta' April, 1982, u **"Buhagiar vs Mifsud"** –Prim Awla tal-Qorti Civili - 1 ta' Frar, 1983).

Fis-sentenza ta` din il-Qorti moghtija fil-11 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **"Catania noe vs Agius"** inghad hekk:

*"...minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunjiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza* ***Delicata v. Saliba****, deciza fit-22 ta' Mejju1989, hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv.*

*Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens m`ghandux ikun baxx meta l-beneficcjarju jkun marid jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn*

*assistenza personali u kontinwa*" (ara - "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Gunju 1982 u **"Buhagiar noe vs Mifsud noe"**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983)

Fl-opinjoni tal-Qorti in vista tan-natura tas-serviġi reżi, il-ħlas li l-konvenuta u l-attrici kienu jircievu meta kien haj Bertu kien wiehed adegwat u suffiċjenti molto piu' meta tqis li meta ircevewhom kienu kuntenti. Ma jirrizultax li d-decujus fiz-zmien meta l-attrici llum hija ntitolata ghas-servigi kien totalment dipendenti minnha ghaliex jirrizulta li marad u spicca l-isptar wara dan il-perjodu. Ghalhekk fic-cirostanzi il-Qorti thoss li l-ammont li hija ghandha tillikwida hija l-istess ammont li kienet tircievi hi bil-kuntentezza tieghu u cioe' is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) ghal kull xahar u konsegwentement din il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' servigi dovuti jammonta ghal elfejn u seba' mitt ewro (€2700) li jkopri l-perjodu appena indikat. Kull zmien antecedenti ghas-26 ta' Jannar 2008 huwa preskritt u kull ammont dovut wara jew thallset tieghu jew ma kinitx intitolata ghalih.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezjoni tal-preskrizzjoni ghal perjodu antecidenti ghas-26 ta' Jannar 2008 u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u qieghda tilqa' it-talba tal-atturi b'dan illi qieghda tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' hlas dovut ghal servigi fl-ammont ta' elfejn u sebgha mitt ewro (€2,700).**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta u l-interessi fuq din is-somma jibdew jiddekorri mid-data tas-sentenza moghtija llum.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**